2024/1628

4.7.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 79/2024

tal-15 ta' Marzu 2024

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE [2024/1628]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2021/2010 tas-17 ta' Novembru 2021 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika li tikkonċerna l-pestiċidi, fir-rigward il-lista ta' sustanzi attivi ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 145/2014 tal-1 ta' Ġunju 2015, ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 ma japplikax għal-Liechtenstein.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 24d (ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XXI tal-Ftehim ŻEE:

"" - **32021 R 2010**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/2010 tas-17 ta' Novembru 2021 (ĠU L 410, 18.11.2021, p. 4).

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) 2021/2010 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Marzu 2024, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Marzu 2024.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

([1]) ĠU L 410, 18.11.2021, p. 4.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.